



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 20.3.2012
COM(2012) 123 final

2012/0059 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-Ftehim ta' kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija (science and technology - S&T) bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil daħal fis-seħħ fis-7 ta' Awwissu 2007. L-Artikolu XII (2) tal-Ftehim jipprovdi kif ġej: "Dan il-Ftehim għandu jkun validu għal perjodu inizjali ta' ħames snin u jista' jiġġedded bi ftehim bejn il-Partijiet wara evalwazzjoni li ssir fis-sena ta' qabel l-aħħar sena ta' kull perjodu suċċessiv ta' tiġdid tal-Ftehim."
2. Huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea li ġġedded dan il-Ftehim sabiex tkompli tiffaċilita l-kooperazzjoni mal-Brażil fl-oqsma komuni fix-Xjenza u t-Teknoloġija (S&T) li huma ta' prijorità u li jwasslu għal benefiċċji għaż-żewġ Partijiet.
3. Fil-ħames laqgħa tal-Kumitat Konġunt ta' Tmexxija UE-Brażil, li saret fi Brasilia fit-22 ta' Novembru 2011, iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jġeddu l-Ftehim.
4. Il-kontenut konkret tal-Ftehim imġedded se jkun identiku għal dak tal-Ftehim attwali.
5. Fid-dawl tar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, il-Kummissjoni titlob lill-Kunsill sabiex:
 - japprova, f'isem l-Unjoni, u wara li jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, li l-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil jiġġedded għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin;
 - jawtorizza lill-President tal-Kunsill jinnomina l-persuna/i li tingħata/jingħataw is-setgħa li tinnotifika/jinnotifikaw lill-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa sabiex dan il-Ftehim imġedded jidħol fis-seħħ.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186 flimkien mal-punt (v) tal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea¹,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew²,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu Nru 2005/781/KE³ tas-6 ta' Ġunju 2005, il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil.
- (2) L-Artikolu XII (2) tal-Ftehim jipprovdi kif ġej: "Dan il-Ftehim għandu jkun validu għal perjodu inizjali ta' ħames snin u jista' jiġġedded bi ftehim bejn il-Partijiet wara evalwazzjoni li ssir fis-sena ta' qabel l-aħħar sena ta' kull perjodu suċċessiv ta' tiġdid tal-Ftehim."
- (3) Fil-ħames laqgħa tal-Kumitat Konġunt ta' Tmexxija UE-Brażil, li saret fi Brasilia fit-22 ta' Novembru 2011, iż-żewġ Partijiet ikkonfermaw l-interess tagħhom li jġeddu l-Ftehim imsemmi qabel għal ħames snin oħra.
- (4) Il-kontenut konkret tal-Ftehim imġedded għandu jkun identiku dak tal-Ftehim li jiskadi fis-6 ta' Awwissu 2012.
- (5) It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea,

¹ ĠU

² ĠU

³ ĠU L 295, 6 ta' Ġunju 2005, p. 38.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-
Repubblika Federattiva tal-Brażil, għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin, huwa b'dan approvat
f'isem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna/i li tingħata/jingħataw is-
setgħa li, filwaqt li taġixxi/jaġixxu f'isem l-Unjoni u b'konformità mal-punt (2) tal-Artikolu XII tal-
Ftehim, tinnotifika/jinnotifikaw lill-Gvern tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil li l-Unjoni lestiet il-
proċeduri interni tagħha meħtieġa sabiex dan il-Ftehim imġedded jidħol fis-seħħ u tagħmel/jagħmlu
n-notifika li ġejja lill-Brażil.

“B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Unjoni Ewropea
ssostitwiet u ssuċċediet lill-Komunità Ewropea u minn dik id-data teżerċita d-drittijiet kollha u
tassumi l-obbligi kollha tal-Komunità Ewropea. Għalhekk, referenzi għal "il-Komunità Ewropea"
fit-test tal-Ftehim, fejn meħtieġ, għandhom jinqraw bħala referenzi għal "l-Unjoni Ewropea".”.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha. Għandha tiġi ppubblikata
f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma tal-politika konċernata/i fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operattivi*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*
 - 3.2.5. *Parteċipazzjoni minn partijiet terzi fil-finanzjament*
- 3.3. *Impatt stmat fuq id-dħul*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

1.2. Qasam/oqasma tal-politika konċernat/i fl-istruttura ABM/ABB⁴

Strateġija ta' politika u koordinazzjoni tad-Direttorati Ġenerali DEVCO, RTD, JRC, EAC, ENER, ENTR, INFSO u MOVE.

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**⁵

Il-proposta/inizjattiva hija relatata mal-**estensjoni tal-azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi multiannwali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

Din l-inizjattiva liż-żewġ Partijiet sejra tippermettilhom itejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'oqasma xjentifiċi u teknoloġiċi ta' interess komuni.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u attività/attivitàjiet konċernata/i ABM/ABB*

Għan speċifiku Nru 1

Din id-Deċiżjoni għandha tippermetti kemm lill-Brażil kif ukoll lill-Unjoni Ewropea biex itejbu l-kooperazzjoni u jiżviluppaw sħubija aktar strateġika peress li tkabbar id-daqs u l-ambitu tal-kooperazzjoni eżistenti filwaqt li tindirizza l-isfidi ewlenin tas-soċjetà, tippromwovi l-aċċess reċiproku għal programmi u finanzjament, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni reġjonali fejn ikun xieraq.

⁴ ABM: Activity-Based Management [Ġestjoni Abbażi tal-Attività] – ABB: Activity-Based Budgeting [Ibbaġittjar Abbażi tal-Attività].

⁵ Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistenni(ja)*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Din id-deċiżjoni għandha tippermetti kemm lill-Brażil kif ukoll lill-Unjoni Ewropea biex jieħdu benefiċċju reċiproku mill-progress xjentifiku u tekniku li jintlaħaq permezz tal-kooperazzjoni fir-riċerka li ssir fil-programmi speċifiċi ta' riċerka rispettivi tagħhom. Se tippermetti li jsir skambju ta' għarfien speċifiku u trasferiment ta' għarfien għall-benefiċċju tal-komunità xjentifika, tal-industrija u taċ-ċittadini.

It-tiġdid tal-Ftehim għandu jippermetti kooperazzjoni akbar.

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jimmonitorjaw, b'mod regolari, l-azzjonijiet kollha mwettqa taħt il-Ftehim, li se jinkludu evalwazzjoni li ssir mill-UE. Din l-evalwazzjoni se tkun magħmula minn dawn l-elementi:

(a) indikaturi tal-prestazzjoni – l-għadd ta' proposti mressqa mill-Brażil għal kull programm speċifiku mqabbel mal-għadd ta' proposti magħżula għall-finanzjament taħt il-programm;

(b) ġbir ta' dejta - abbażi tal-informazzjoni mill-programmi speċifiċi tal-Programm Qafas (u l-informazzjoni mogħtija mill-Brażil lill-Kumitat Konġunt ta' Tmexxija li dwaru jipprovdi l-Ftehim).

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżiti li għandhom jitħarsu għal żmien qasir u fit-tul*

Din id-Deċiżjoni liż-żewġ Partijiet sejra tippermettilhom ikomplu jtejbu u jsaħħu l-kooperazzjoni tagħhom f'oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi ta' benefiċċju komuni.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE*

Il-Ftehim huwa bbażat fuq il-prinċipji ta' benefiċċju reċiproku, aċċess reċiproku għall-programmi u għall-attivitajiet tal-Parti l-oħra li jkunu rilevanti għall-fini tal-Ftehim, innuqqas ta' diskriminazzjoni, il-ħarsien effettiv tal-proprjetà intelletwali u l-kondiviżjoni ekwa tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali. It-tiġdid ta' dan il-ftehim għandu jippermetti għarfien xjentifiku akbar li jwassal għal opportunitajiet ta' aċċess għas-suq.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

Abbażi tal-esperjenza miksuba sal-lum fil-qasam tal-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika, it-tiġdid tal-Ftehim eżistenti għal perjodu ta' ħames snin oħra, biex l-kooperazzjoni fir-riċerka mal-Brażil tkompli ssir, huwa meqjus li jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ Partijiet.

1.5.4. *Koerenza u sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

It-tiġdid tal-Ftehim mal-Brażil huwa meqjus bħala konsistenti għalkollox mal-ftuħ tal-parteċipazzjoni fil-Programmi Qafas tal-UE għad-dinja kollha.

1.6. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

Proposta/Inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

- Proposta/Inizjattiva fis-seħħ mis-07/08/2012 sas-06/08/2017
- Impatt finanzjarju mill-2012 sal-2017

Proposta/Inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-SSSS sal-SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i)⁶

Ġestjoni diretta ċentralizzata mill-Kummissjoni

Ġestjoni indiretta ċentralizzata bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

- aġenziji eżekuttivi
- korpi stabbiliti mill-Komunitajiet⁷
- korpi nazzjonali tas-settur pubbliku/korpi b'missjoni tas-servizz pubbliku
- persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti fit-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni deċentralizzata ma' pajjiżi terzi

Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*li jridu jiġu speċifikati*)

Jekk ikun indikat aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".

Kummenti

⁶ Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

⁷ Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rrapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-parteċipazzjoni tal-Brażil fil-Programm Qafas tiġi mmonitorjata fuq bażi regolari permezz ta' laqgħat tal-Kumitat Konġunt ta' Tmexxija stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Isiru laqgħat u kuntatti bilaterali fuq bażi regolari li jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni u l-kontroll sistematiċi. Ma ġie identifikat ebda riskju fis-sistema ta' kontroll.

2.2.2. Metodu/i ta' kontroll previsti(i)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u rregolaritajiet

Fil-każ li l-implimentazzjoni tal-Programm Qafas tkun teħtieġ l-użu ta' kuntratturi esterni jew tinvolvi l-ġhoti ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji lil partijiet terzi, il-Kummissjoni għandha twettaq, jekk ikun xieraq, verifiki finanzjarji, b'mod partikolari jekk ikollha raġuni għalfejn tiddubita n-natura realistika tax-xogħol imwettaq jew deskritt fir-rapporti tal-attività.

Il-verifiki finanzjarji tal-Unjoni jitwettqu mill-persunal tagħha stess jew minn esperti tal-kontabbiltà approvati skont il-liġi tal-parti li tiġi vverifikata. L-Unjoni għandha tagħżel lil dawn tal-aħħar liberament, filwaqt li tevita kwalunkwe riskju ta' konflitt ta' interess li jista' jiġi indikat lilha mill-parti li trid tiġi vverifikata. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiżgura, fit-twettiq tar-riċerka, li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu mħarsa permezz ta' verifiki effettivi u, meta jinstab li hemm xi irregolaritajiet, permezz ta' miżuri u pieni deterrenti u proporzjonati.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, ir-regoli dwar il-verifiki, il-miżuri u l-pieni, b'referenza għar-Regolamenti Nru 2988/95, Nru 2185/96 u Nru 1073/99, se jkunu inkorporati fil-kuntratti kollha li jintużaw fl-implimentazzjoni tal-Programm Qafas.

B'mod partikolari, fil-kuntratti għandu jkun hemm il-punti li ġejjin:

- l-introduzzjoni ta' klawżoli kuntrattwali speċifiċi sabiex jiġiharsu l-interessi finanzjarji tal-UE fit-twettiq tal-verifiki u tal-kontrolli relatati max-xogħol imwettaq;

- it-twettiq ta' verifiki amministrattivi bħala parti minn miżuri kontra l-frodi, skont ir-Regolamenti Nru 2185/96, Nru 1073/1999 u Nru 1074/1999;

- l-applikazzjoni ta' pieni amministrattivi għall-irregolaritajiet intenzjonali jew negliġenti kollha fl-implimentazzjoni tal-kuntratti, skont ir-Regolament Qafas Nru 2988/95, inkluż mekkaniżmu ta' lista sewda;

- il-fatt li, fil-każ ta' irregolaritajiet u frodi, l-ordnijiet possibbli ta' rkupru jridu jiġu infurzati skont l-Artikolu 299 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Barra minn hekk, u bħala miżuri ta' rutina, il-persunal responsabbli tad-DĠ għar-Riċerka u l-Innovazzjoni jwettaq programm ta' kontroll fir-rigward tal-aspetti xjentifiċi u baġitarji; it-taqsim tal-Verika Interna tad-DĠ għar-Riċerka u L-Innovazzjoni twettaq verifika interna; u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri twettaq spezzjonijiet fuq il-post.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju multiannwali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi u l-linji tal-baġit tal-qafas finanzjarju multiannwali.

Intestatura tal-qafas finanzjarj u multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	Diff./mhux Diff. (8)	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁹	mill-pajjiżi kandidati ¹⁰	minn pajjiżi terzi	fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1a	08.01.05	mhux diff	IVA	IVA	LE	LE

- Linji ġodda tal-baġit mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi u l-linji tal-baġit tal-qafas finanzjarju multiannwali.

Intestatura tal-qafas finanzjarj u multiannwali	Linja tal-baġit	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Intestatura.....]	Diff./mhu x diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

⁸ Diff = Approprijazzjonijiet Differenzjati / Mhux Diff = Approprijazzjonijiet Mhux differenzjati

⁹ EFTA: EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁰ Pajjiżi kandidati u, fejn huwa applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	1a	[Intestatura 1a – Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjiegi]
--	-----------	--

DĠ: <.....>			Sena 2012 ¹¹	Sena 2013	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017		TOTAL
• Approprjazzjonijiet operazzjonali										
Numru tal-linja tal-baġit	Impenji	(1)								
	Flasijiet	(2)								
Numru tal-linja tal-baġit	Impenji	(1a)								
	Flasijiet	(2a)								
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi ¹²										
Numru tal-linja tal-baġit	08.01.05	(3)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ RTD	Impenji	=1+1a +3	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110		0.660
	Flasijiet	=2+2a +3	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110		0.660

¹¹ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

¹² Għajjuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Ħlasijiet	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi		(6)	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.660
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt I-INTESTATURA <1a.> tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji	=4+ 6	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.660
	Ħlasijiet	=5+ 6	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.660

Jekk aktar minn intestatura waħda hija affetwata mill-proposta / inizzjattiva:

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Ħlasijiet	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt I-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju multiannwali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6								
	Ħlasijiet	=5+ 6								

Intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:	5	“ Nefqa amministrattiva ”
--	----------	---------------------------

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt decimale)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal kemm hemm b'zonn snin biex turi d-dewmien tal- impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	-----------	-------------	-------------	-------------	---	--------------

DĠ: <.....>							
• Riżorsi umani							
• Nefqa amministrattiva oħra							
TOTAL DĠ <.....>	Approprjazzjonijiet						

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	(Total tal-impenji = Total tal-ħlasijiet)							
--	---	--	--	--	--	--	--	--

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt decimale)

	Sena N ¹³	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal kemm hemm b'zonn snin biex turi d-dewmien tal- impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	-------------------------	-------------	-------------	-------------	---	--------------

TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali	Impenji						
	Ħlasijiet						

¹³ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' approprazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

L-appropriazzjonijiet tal-impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Indika għanijiet u riżultati			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	RIŻULTATI																	
	↓	Tip ta' riżultat ¹⁴	Kost medju tar-riżultat	Għadd ta' riżultati	Ko st	Għadd ta' riżultati	Ko st	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	Għadd ta' riżultati	Kost	L-għadd totali ta' riżultati
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁵ ...																		
-	Riżultat																	
-	Riżultat																	
-	Riżultat																	
Subtotali tal-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2...																		
-	Riżultat																	
Subtotali tal-għan speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

¹⁴ Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu fornuti (eżempju: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq li nbnew, eċċ).
¹⁵ Kif deskritt fit-Taqsima 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-ebda użu ta' approprazzjonijiet amministrattivi
- Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena 2012 ¹⁶	Sena 2013	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017		TOTAL
--	-------------------------	-----------	-----------	-----------	-----------	-----------	--	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali								

Barra mill- INTESTATURA 5¹⁷ tal-qafas finanzjarju multiannwali								
Riżorsi umani	0.064	0.064	0.064	0.064	0.064	0.064		0.384
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	0.046	0.046	0.046	0.046	0.046	0.046		0.276
Subtotal barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali								

TOTAL	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110	0.110		0.660
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--	--------------

¹⁶ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

¹⁷ Għajjnuna u nefqa teknika u/jew amministrattiva b'apport għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (linji "BA" preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġ l-ebda użu ta' riżorsi umani
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa mhux aktar minn ċifra waħda wara l-punt deċimali)

	Sena 2012	Sena 2013	Sena 2014	Sena 2015	Sena 2016	Sena 2017	
• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
08 01 05 01 (Riċerka indiretta)	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full Time: FTE)¹⁸							
XX 01 02 01 (CA, INT, SNE mill-“pakkett globali”)							
XX 01 02 02 (CA, INT, JED, LA u SNE fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 yy¹⁹	- fil-Kwartieri ġenerali ²⁰						
	- fid-delegazzjonijiet						
XX 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (CA, INT, SNE – Riċerka diretta)							
Linji oħra tal-baġit (speċifika)							
TOTAL	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	0.5	

XX hija l-qasam ta' politika jew titolu tal-baġit ikkonċernat

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-persunal tad-DĠ li diġà huma assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew allokat i mill-ġdid fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun meħtieġ, kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

¹⁸ CA= Aġent Kuntrattwali; INT = persunal mill-aġenziji ("Intérimaire") JED= "Jeune Expert en Délégation" (Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet); LA= Aġenti Lokali; SNE = Esperti Nazzjonali Ssekondati;

¹⁹ Taħt il-limitu ta' persunal estern fuq approprjazzjonijiet operazzjonali (linji "BA" preċedenti).

²⁰ Essenzjalment għal Fondi Strutturali, Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Uffiċjali u aġenti temporanji	Preparazzjoni u ġestjoni ta' laqgħat tal-Kumitat Konġunt previsti skont l-Artikolu VI tal-Ftehim u missjonijiet bil-għan li jiżguraw il-funzjonament u l-implimentazzjoni korretti, kif ukoll ir-reviżjoni regolari, tal-Ftehim.
Persunal estern	

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali*

- Il-Proposta/L-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.
- Il-Proposta/L-inizjattiva se tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju multiannwali.

Spjega r-riprogrammazzjoni meħtieġa, billi tispeċifika l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti ekwivalenti.

- Il-Proposta/L-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali²¹.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji tal-baġit ikkonċernati u l-ammonti ekwivalenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi*

- Il-proposta/L-inizjattiva ma tipprovdi l-ebda kofinanzjament minn partijiet terzi
- Il-proposta/L-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament smat hawn taħt:

L-approprazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp tal- kofinanzjament								
TOTAL tal- approprazzjonijiet kofinanzjati								

²¹ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej :
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Linja tal-baġit tad-dħul:	Approprazzjoni jiet disponibbli għall-baġit preżenti	Impatt tal-proposta/inizjattiva ²²					
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	... daħħal kemm hemm bżonn snin biex turi d-dewmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)	
Artikolu							

Għad-dħul assenjat mixxellanju, speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affetwata/i.

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

²²

Fir-rigward ta' riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara tnaqqis ta' 25 % għall-kostijiet tal-ġbir.